MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 155/2012

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

1. Illi l-esponenti zzewgu nhar il-31 ta' Marzu, 1989 u sseparaw nhar l-15 ta' Frar, 2005 b'kuntratt in atti Not A Fenech Adami;
2. Illi m'hemmx cans jew prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
3. Illi m'hemmx problemi jew kwistjonijiet dwar hlas ta' manteniment tant li t-tifla lahqet l-eta' maggorenni u tahdem bi qliegh waqt li l-mara kienet irrinunzjat ghall-manteniment fil-kuntratt suiccitat;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tippronunzja d-divorzju ossija l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Rat ir-risposta tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet : Li permezz taghha ma topponix it-talba kif dedotta;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Marzu, 2012;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimata;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Frar 2005.

Illi r-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi l-mara kienet irrinunzjat ghal manteniment u illi bint il-partijiet illum hija maggorenni u tahdem bi qligh;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------